MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2008

Avviz Numru. 5/1997/2

**Direttur Generali tal-Edukazzjoni**

**Vs**

**Josephine Micallef**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami presentat minn Josephine Micallef u li bih wara li ppremettiet li:-

1. Illi permezz ta’ ittra ufficjali datata 20 ta’ Novembru 1997 d-Direttur Gerenali tal-Edukazzjoni ai termini tal-artikolu 466 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili wara li halef bil-gurament li hija ghandha taghtih is-somma ta’ disa’ mija u tletin lira u tlieta u tmenin centezmu (Lm930.83c) bhala kera ghal tuck shop fi skola liema kera hija intrabtet li thallas ai termini ta’ skrittura privata qieghed jippretendi li dan l-ammont sar issa rez

esekuttiv u jista’ jitlob l-hrug ta’ atti esekuttivi kontra r-rikorrenti.
2. Illi l-esponenti hasset ruhha aggravata bl-imsemmija u b’dawn l-proceduri hija qeghda titlob ir-revoka taghhom billi taghmel din l-isfida.
3. Illi r-ragunijiet li minhabba fihom u abbazi taghhom hija qedha topponi ghat-talba tal-imsemmi huma is-segwenti:-

a. Illi fl-ewwel lok t-talba tal-imsemmi Direttur Generali hija llum preskritta ai termini tal-artikolu 2156© u (F) tal-kapitolu sittax tal-Ligijiet ta’ Malta.
b. Illi fit-tieni lok minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub ma huwiex dovut billi thallas.

Talbet bil-qima li din l-Onorabbli Qorti thassar u tiddikjara bhala illegali, infondata u nulla t-talba tad-Direttur Generali ta’ l-Edukazzjoni kif kontenuta fl-ittra tieghu tal-20 ta’ Novembru1997.

Rat id-digrieti Taghha preliminari moghtija fit-12 ta’Dicembru 1997 u fit-13 ta’ Jannar 1998.

Rat ir-risposta tal-intimat a fol 8 u fol 9 ibid u li biha espona bir-rispett:-

1. Illi l-artikolu 2156© tal-Kodici Civili mhux applikabbli ghall-kaz odjern stante li m’hemm ebda kirja ta’ fond urban jew rurali in kwistjoni.
2. Illi t-talba mhix preskritta ai termini ta’ l-artikolu 2156(f) minhabba li:
(a) kienet inkissret il-preskrizzjoni meta l-intimata kienet hallset Lm930.84 akkont tal-prezz li fil-kumpless tieghu kien igib is-somma ta‘ Lm2103 li minnu tnaqqsu Lm241.33 mid-dipartiment stess ghal granet mhux mahdumin (Artikolu 2134);
(b) permezz ta’ ittra mibghuta lid-dipartiment, l-intimata kienet qalet li ntalbet thallas “kera” ta’ Lm900 izda li hi ma setghetx thallas ghaliex fit-tuckshop ma kienx hemm qliegh u setghet biss toffri Lm200 (Artikolu 2133).
(c) Giet epprezentata wkoll ittra ufficjali fit-23 ta’ Jannar, 1996.

(d) Intbaghtet ittra mill-intimata permezz ta l-avukat taghha fejn qalet li "kienet ghamlet depozitu ta' aktar minn elf lira (Lm1000) fuq tender ta' tuckshop iehor li kellu jigi kkreditat lilha izda dan baqa' qatt ma sar". Din hija forma ta' tpaccija u ma tistax taghti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u titlob tpaccija fl-istess hin. (Ara fost ohrajn, Felice Fenech versus Carmelo Bellia – Vol XL1V.11.519).

3. Illi assolutament mhux veru li s-somma thallset u l-hlasijiet kif inhuma esposti fil-paragrafu 2(a) juru li ghad hemm bilanc x'jithallas. Filfatt id-dipartiment lill-intimata kien ta' wkoll in-numru tar-ricevuti H 615039 u H 782315 biex juri x'pagamenti kienu saru u x'kien fadlilha taghti.

Talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti u ghandha tilqa' t-talba tad-Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni biex jigbor id-dejn dovut lilu.

Rat l-ittra ufficjali in esami flimkien mad-dikjarazzjoni guramentata tal-intimat.

Ikkunsidrat

Illi, da parti tar-rikorrent, ma ingiebet ebda prova dwar dak li hi ppremettiet fir-rikors promotur sabiex issostnieh.

Illi, pero', l-intimat pproduca lil Joseph Tanti, flimkien ma diversi dokumenti (fol 45 u fol 55 et seq ibid). Dan beda billi qal illi r-rikorrenti kienet giet inkarigata, ghas-sena' skolastika 1989/90 mill-gestjoni tat-"tuck shop" fl-Iskola ta' "Maria Regina" f'Blata l-Bajda. L-istess rikorrenti kienet iggestiet l-istess post sal-bidu tat-tieni "term" skolastiku waqt li kienet hallset ghall-ewwel u t-tieni "term". Darba, il-Principal tal-istess skola kienet informat lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni illi xi studenti tfajliet kienu nstabu gewwa l-istess "tuckshop" waqt li kienu qeghdin jpejjpu sigaretti u fl-istess waqt, kien hemm zewgt irgiet qed jmexxuh. Ghalhekk l-istess Dipartiment kien baghat ghar-rikorrenti sabiex jkellimha. Sadattant, pero' kien sar ftehim mar-rikorrenti sabiex tivvaka t-"tuckshop" tal-Iskola msemmija u minflok tmur tiggestixxi "tuck shop" iehor fi skola ohra u baqghet tmexxi dan minghajr ma thallas kera relattiva. Ghalhekk, id-Dipartiment kien hadem l-ammont ta' kera li

kien dovut mir-rikorrenti izda dan ma kienx thallas. Fit-13 ta’ Marzu 1990, l-intimata kienet kitbet ittra lill istess Dipartiment li biha offriet li thallas Lm200 a saldu ta’ kull ammont dovut. Pero, avolja jidher li din l-offerta li thallas Lm200 a saldu ta’ kull ammont dovut. Pero, avolja jidher li din l-offerta keinet giet accettata, xorta wahda ma kien sar ebda hlas.

Sussegwentement, kif di gja nghad, gew esebiti diversi dokumenti cjoe:-

a) Prospett ta’ kif id-Dipartiment wasal ghall-ammont attwalment dovut mir-rikorrenti;
b) L-accettazzjoni tat-‘tender’ sottomess mir-rikorrenti sabiex tiggestixxi l-ewwel “tuck shop” imsemmi kif ukoll dik iffirmata minnha in rigward il-kondizzjonijiet u obbligazzjonjiet imposti (ara fol 58 u fol 59);
c) Ir-rapport li kien sar dwar l-incident hawn fuq imsemmi u li kien jinvolvi zewt irgiel u xi studenti (fol 60 ibid);
d) Refusjoni “pro rata” ta’ kera li kienet di gja thallset mir-rikorrenti (fol 61 ibid);
e) L-offerta li kienet saret mir-rikorrenti sabiex thallas Lm200 bhala kera tat-tieni “tuck shop” (ara fol 62 ibid);
f) Kopja informali ta’ ittra ufficjali mibghuta lir-rikorrenti sabiex thallas l-ammont mitlub fl-avviz, liema att hu datat it-23 ta’ Jannar 1996, izda l-original taghha ma giex rintraccat (fol 63 u fol 66 ibid);
g) Kopja ta’ ittra in risposta vis-à-vis l-istess ittra ufficjali. F’din l-ittra hemm accenn illi r-rikorrenti kienet ghamlet depositu ta’ Lm1000 li kellu jigi kreditat lilha (fol 64 ibid) u kopja ta’ ittra in risposta ghal din (fol 65 ibid).

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl ta’ dak premess, jidher li dak sottomess u premess mir-rikorrenti ma hux accettabbli in vista li hi ma ressqet ebda prova li turi li l-ammont mitlub fl-ittra ufficjali in esami kien thallas minnha u peress li ma jidhirx li l-azzjoni li saret permezz tal-ittra ufficjali in esami, effettivament sfat preskritta, tenut kont ta’ dak kollu

risultanti mid-dokumenti hemm fuq imsemmija u kif sintetizzati.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti kif dedotta mill-istess rikors u b'hekk tilqa' t-talba tal-intimat biex jigbor id-dejn dovut lilu.

In rigward l-ispejjes, dawn jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------